MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 616/2003

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Gozo Ventures Limited, Peter Paul Muscat u Valerie sive Valerie Anne Muscat**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talbiet tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' erbghat elef mitejn u hmistax il-lira u wiehed u hamsin centezmu (LM4,215.51) u imghax kif jidher hawn taht : (a) is-somma ta' elfejn tmien mija hamsa u erbghin lira u wiehed u hamsin centezmu (LM2,845.51) debitu fl-overdraft account 071-162531-001 kwantu ghal LM2,684.11 rapprezentanti capital u LM161.40 imghax sat-3 ta' Lulju 2003 flimkien mal-imghax ulterjuri sal-jum tal-effettiv pagament;

(b) is-somma ta’ tmien mija tmienja u tmenin lira u tlieta u sebghin centezmu (LM888.73) debitu fil-Loan Account numru 071-162531-300 kwantu ghal LM805.89 rapprezenanti kapital u kwantu ghal LM82.84 rapprezentanti imghax sat-3 ta’ Lulju 2003, flimkien mal-imghax ulterjuri sal-jum tal-effettiv pagament;

(c) is-somma ta’ erbgha mija wiehed u tmenin lira u tletin centezmu (LM 481.30) debitu fil-loan account numru 071-162531-301 kwantu ghal LM 436.44 rapprezentanti kapital, u kwantu ghal LM 44.86 rapprezentanti imghax sat- 3 ta' Lulju 2003, flimkien mal-imghax ulterjuri tat-8% p.a. sal-jum tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fis-26 ta’ Jannar, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kontra il-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------